# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Frar, 2002

### Avviz numru : 113/1998G2(PC)

**George u Maria konjugi Farrugia .**

**VS**

**Joseph Brignoli .**

**Il-Qorti ,**

**Rat l-avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti li jhallas lill-atturi l-pagament ta' mitejn u tmienja u ghoxrin liri maltin (Lm228), dovuti lilhom bhala prezz ta' diversi oggetti tad-deheb li hu xtara mill-hanut taghhom "Ta' Dolindo Jewellery", fi Pjazza San Gorg, Victoria, u li baqa' ma hallashomx taghhom minkejja li sarulu diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas kemm verbali kif ukoll bil-miktub u nonostanti li hu pprometta li ser ihallas, huwa baqa' m'ghamel ebda pagament mill-ammont pretiz .**

**Bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja tal-oggetti lilu mibjugha sal-hlas effettiv .**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-ittri interpellatorji tat-12 ta' Gunju, 1998 u tat-18 ta' Settembru, 1997 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek .**

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa :**

**(i) illi huwa ma ghandu jaghti xejn lill-atturi .**

**(ii) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat il-verbal tal-5 ta' Gunju, 2001, fejn l-avukat Dottor Mario Scerri ghall-atturi iddikjara li l-ammont indikat fl-avviz kien ghadu kollu dovut, u ghal hekk talab lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza .**

**Rat ukoll id-degriet taghha ta' l-istess data fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu, ghal-lum .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .**

**Ikkunsidrat illi minkejja li l-konvenut eccepixxa fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu li hu ma ghandu jaghti xejn lill-atturi, huwa baqa' sal-lum ma ta ebda raguni ghaliex ma ghandhomx jintlaqghu t-talbiet attrici . Lanqas ghas-seduta tal-lum l-istess konvenut ma attenda .**

**Il-Qorti, ghal hekk, u in vista tad-dikjarazzjoni tad-difensur ta' l-attur, u fin-nuqqas ta' raguni ghaliex it-talbiet attrici ma ghandhomx jintlaqghu, il-Qorti tiddecidi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenut Joseph Brignoli jhallas lill-atturi s-somma ta' mitejn tmienja u ghoxrin lira maltin (Lm228), dovuti lilhom bhala prezz ta' diversi oggetti tad-deheb li l-konvenut xtara mill-hanut taghhom "Ta' Dolindo Jewellery" fi Pjazza San Gorg, Victoria, u dana skond ma gie ndikat fl-avviz taghhom .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Gunju, 1998, u tat-18 ta' Settembru, 1997, u bl-imghaxijiet fuq l-istess somma mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv . U dana peress illi minkejja li fl-avviz intalbu l-imghaxijiet b'effett mid-data tal-konsenja, ma ngabet ebda prova fl-atti ta' din il-kawza dwar meta kienet attwalment din id-data tal-konsenja .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S11398G2(PC)